# IL-QORTI ĠENERALI

## Teħid ta' ġurament minn membru ġdid tal-Qorti Ġenerali

(2011/C 370/08)

Wara l-ħatra tagħha bħala mħallef tal-Qorti Ġenerali b'deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, tat-8 ta' Settembru 2011 (1), għall-perijodu mit-12 ta' Settembru 2011 sal-31 ta' Awwissu 2013, M. Kancheva ħadet il-ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Settembru 2011.

(1) ĠU L 234, 10.09.2011, p. 43

## Elezzjoni tal-President tal-Awla

(2011/C 370/09)

Fit-23 ta' Novembru 2011, wara r-riżenja tal-President tal-Awla E. Moavero Milanesi, u skont l-Artikoli 7(3) u 15 tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali ħatret lil H. Kanninen bħala President tas-Sitt Awla, komposta minn ħames imħallfin u minn tliet imħallfin, għall-perijodu mit-23 ta' Novembru 2011 sal-31 ta' Awwissu 2013.

## Assenjazzjoni tal-imħallfin lill-awli

(2011/C 370/10)

Il-Konferenza Plenarja tal-Qorti Ġenerali, fil-25 ta' Novembru 2011, iddeċidiet, wara l-elezzjoni ta' H. Kanninen bħala President tas-Sitt Awla, li temenda d-deċiżjonijiet tal-Konferenza Plenarja tal-20 ta' Settembru 2010 (1), tas-26 ta' Ottubru 2010 (2), tad-29 ta' Novembru 2010 (3) u tal-20 ta' Settembru 2011 (4) dwar l-assenjazzjoni tal-imħallfin lill-awli.

Għall-perijodu bejn il-25 ta' Novembru 2011 u d-data ta' meta l-imħallef Taljan jassumi l-kariga tiegħu, l-imħallfin huma assenjati lill-awli kif ġej:

*L-Ewwel Awla Estiża, komposta minn ħames imħallfin:*

J. Azizi, President tal-Awla, E. Cremona, I. Labucka, S. Frimodt Nielsen u D. Gratsias, imħallfin.

*L-Ewwel Awla, komposta minn tliet imħallfin:*

J. Azizi, President tal-Awla;
E. Cremona, imħallef;
S. Frimodt Nielsen, imħallef.

*It-Tieni Awla Estiża, komposta minn ħames imħallfin:*

N.J. Forwood, President tal-Awla, F. Dehousse, I. Wiszniewska-Białecka, M. Prek, J. Schwarcz u M. Kancheva, imħallfin.

(1) ĠU C 288, 23.10.2010, p. 2
(2) ĠU C 317, 20.11.2010, p. 5
(3) ĠU C 346, 18.12.2010, p. 2
(4) ĠU C 305, 15.10.2011, p. 2